IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.12.2015
COM(2015) 649 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

# DWAR L-ATTIVITÀ ESTERNA TAL-BEI FL-2014 B'GARANZIJA BAĠITARJA TAL-UE

{SWD(2015) 285 final}

MT

MT

## 1. INTRODUZZJONI

Id-Deċiżjonijiet 1080/2011/UE[1] u 466/2014/UE[2] tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011u tas-16 ta' April 2014 rispettivament jagħtu garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) kontra telf minn finanzjamnet mill-BEI ta' operazzjonijiet lil hinn mill-Unjoni fil-perjodi 2007-2013 u 2014-2020 rispettivament (id-"Deċiżjonijiet jew il-"garanzija tal-UE"). Dawn id-Deċiżjonijiet jeħtieġu li l-Kummissjoni tirrapporta kull sena dwar l-attivitajiet esterni tal-BEI b'garanzija baġitarja tal-UE, billi żżid fuq ir-rapporti annwali pprovduti mill-BEI. Wara li d-Deċiżjoni 1080/2011/UE ġiet estiża b'sitt xhur sat-30 ta' Ġunju 2014 u l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 466/2014/UE matul l-2014-2020, dan ir-rapport li jkopri s-sena 2014 tħejja skont ir-rekwiżiti ta' dawn iż-żewġ bażijiet legali. Dan ir-rapport jipprovdi wkoll taqsira tal-operazzjonijiet b'riskju proprju mwettqa mill-BEI fl-2014 fir-reġjuni koperti mid-Deċiżjoni. L-operazzjonijiet tal-BEI fl-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku (AKP) kif ukoll fil-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej (OCT) huma koperti f'rapport annwali separat.

Id-Deċiżjoni 466/2014/UE l-ġdida adottata fis-16 ta' April 2014 ("il-Mandat") tistabbilixxi limitu massimu ta' garanzija tal-UE ta' EUR 30 biljun imqassma f'limitu fiss li jammonta għal EUR 27 biljun u ammont addizzjonali opzjonali ta' EUR 3 biljun. L-attivazzjoni ta' dan l-ammont opzjonali u d-distribuzzjoni reġjonali tiegħu se jiġu deċiżi mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill wara l-analiżi ta' nofs it-terminu tal-Mandat. Fid-deċiżjoni l-ġdida, it-tliet objettivi ta' livell għoli għall-estensjoni tal-garanzija tal-UE jibqgħu l-istess: il-promozzjoni tat-tkabbir fis-settur privat lokali, l-iżvilupp tal-infrastruttura soċjali u ekonomika, l-azzjoni klimatika u, bħala objettiv sottostanti, it-trawwim tal-integrazzjoni reġjonali. Il-Mandat daħal fis-seħħ bl-iffirmar tal-Ftehim ta' Garanzija fil-25 ta' Lulju 2014.

Aktar informazzjoni ddettaljata u tabelli statistiċi dwar l-attivitajiet ta' hawn fuq, anki fil-livell ta' proġetti, setturi, pajjiżi u reġjuni hija mogħtija fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal (Staff Working Document, "SWD"). Wara t-tielet sena ta' implimentazzjoni tal-Qafas għall-Kejl tar-Riżultati (REsults Measurement - REM) tal-BEI, dan ir-rapport jagħti informazzjoni dwar ir-riżultati mistennija abbażi tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI ffirmati fl-2014. Ir-riżultati attwali miksuba bbażati fuq l-ewwel Analiżijiet tat-Tlestija tal-Proġetti ReM jew fuq studji ta' każijiet ta' operazzjonijiet approvati qabel ir-REM u li jkunu laħqu t-tmiem huma ppreżentati fl-SWD.

## 2. RIŻULTATI EWLENIN

L-Anness tar-rapport dwar l-attività esterna tal-BEI 2013 b'garanzija baġitarja tal-UE[3] pprovda stampa globali tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI barra mill-UE mwettqa matul il-perjodu mill-2007 sat-30 ta' Ġunju 2014. Ir-rapport ikkonkluda li l-użu finali tad-Deċiżjoni 1080/2011/UE sat-30 ta' Ġunju 2014 kien kumplessivament ta' 99 % minkejja l-ambjent kummerċjali diffiċli esperjenzat f'bosta partijiet tad-dinja.

Fir-reġjuni koperti mid-Deċiżjoni, il-firem ammontaw għal EUR 6,8 biljuni, kważi daqs is-sena ta' qabel, fejn il-finanzjament b'garanzija tal-UE naqas bi ftit għal EUR 4,2 biljun, u finanzjament taħt il-Faċilitajiet b'riskju proprju tal-BEI żdiedu b'EUR 0,2 biljuni għal EUR 2,6 biljuni. Il-volumi kumplessivi fl-2014 kienu prinċipalment xprunati minn prestazzjoni b'saħħitha fir-reġjuni tal-Viċinat u tal-Preadeżjoni.

[1] ĠU L 280, 27.10.2011, p. 1.
[2] ĠU L 135, 08.05.2014, p. 1.
[3] COM (2014)674

Il-BEI kompla juri l-impenn tiegħu li jappoġġa l-aġenda tal-UE tal-azzjoni dwar il-klima. F'Settembru 2015, il-Bord tal-BEI adatta Strateġija ta' Azzjoni dwar il-Klima biex jiggwida l-azzjonijiet kollha tal-BEI, kemm fl-UE kif ukoll barra minnha, u huwa previst li qabel tmiem l-2015 se jaġġorna l-istrateġija tal-BEI dwar il-klima għall-pajjiż taħt il-mandat ta' self estern. L-operazzjonijiet tal-BEI ffirmati fir-reġjuni koperti mid-Deċiżjoni għadhom ogħla sew mil-limitu ta' 25 % stabbilit fid-Deċiżjoni b'EUR 2,1 biljuni, jew 31 % tal-firem totali li jimmiraw lejn azzjoni klimatika din is-sena b'enfasi partikolari fuq ir-reġjun ALA (kważi 40 % ta' firem dwar il-klima).

Fl-2014, meta ġie implimentat għat-tielet sena konsekuttiva, il-BEI permezz tal-qafas ReM innota li 100 % tal-operazzjonijiet il-ġodda ffirmati fir-reġjuni tal-mandat huma mistennija jagħmlu kontribut eċċellenti jew tajjeb lejn l-objettivi tal-Mandat. Aktar minn 90 % tal-proġetti l-ġodda huma mistennija jiksbu riżultati eċċellenti jew tajbin f'termini ta' impatt mistenni, kwalità, u solidità tal-proġetti. Aktar minn 85 % tal-proġetti l-ġodda huma mistennija li jiġu assoċjati ma' addizzjonalità tal-BEI jew għolja jew sinifikanti. Ir-rapport tal-BEI stess dwar ir-riżultati tal-operazzjonijiet tal-BEI barra l-UE (li jinkludi wkoll operazzjonijiet fil-pajjiżi AKP u OCT (pajjiżi u territorji extraEwropej )) fl-2014 ġie ppubblikat fis-sit elettroniku tiegħu.

Id-Deċiżjoni l-ġdida tenfasizza allinjament qawwi tal-attività esterna tal-BEI u l-politiki, il-programmi u l-istrumenti esterni tal-UE u ta' min jinnota li matul l-2014, il-BEI kompla jikkoopera mill-qrib mal-Kummissjoni u s-SEAE biex isaħħaħ il-konsistenza u l-koerenza tal-azzjonijiet tal-BEI mal-politiki esterni tal-UE. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni, flimkien mal-BEI, u b'konsultazzjoni mas-SEAE, ippreparat Linji Gwida Operattivi Tekniċi Reġjonali reveduti li ntbagħtu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'Mejju 2015.

## 3. OPERAZZJONIJIET TA' FINANZJAMENT

### 3.1. ĦARSA ĠENERALI LEJN IL-VOLUM TA' FINANZJAMENT MILL-BEI FIR-REĠUNI KOPERTI MID-DEĊIŻJONIJIET[4]

It-tabella li ġejja tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-volum tal-finanzjament tal-BEI fl-2014 fir-reġjuni koperti mid-Deċiżjonijiet.

**Tabella 1: Operazzjonijiet ta' Finanzjament mill-BEI ffirmati fl-2014**

| Pajjiżi tal-operat (f'miljuni ta' EUR) | Operazzjonijiet b'garanzija tal-UE | | | Operazzjonijiet b'riskju proprju tal-BEI | Totali |
|---|---|---|---|---|---|
| | Garanzija komprensiva | Kopertura għar-riskju politiku | Totali | | |
| Pajjiżi ta' Qabel l-Adeżjoni | 621 | 0 | 621 | 1815 | 2436 |
| Pajjiżi Mediterranji | 1122 | 260 | 1382 | 230 | 1612 |
| Viċinat tal-Lvant, ir-Russja | 1016 | 160 | 1176 | 0 | 1176 |
| L-Asja u l-Amerika Latina | 670 | 150 | 820 | 550 | 1370 |
| L-Afrika t'Isfel | 175 | 0 | 175 | 0 | 175 |
| **Totali** | **3603** | **570** | **4174** | **2595** | **6769** |

Noti: B'żieda mal-volumi ta' hawn fuq riżorsi proprji, ekwità u operazzjonijiet mikrofinanzjarji tal-BEI

4 Id-Deċiżjoni 466/2014/UE u 1080/2011/UE

li jammontaw għal EUR 52 miljun ġew iffirmati fuq ir-riżorsi ta' partijiet terzi fil-Mediterran.

Is-sehem tal-attività bil-garanzija tal-UE, bħala volum totali naqas fl-2014 b'4 % biex sar EUR 4,2 biljuni (EUR 4,4 biljuni fl-2013) jew 61% tal-finanzjament totali tal-2104 fir-reġjuni koperti mid-Deċiżjoni. Is-sehem tal-attività b'riskju proprju tal-BEI żdied b'4 %, u laħaq EUR 2,6 biljuni. Aktar minn 90 % tal-operazzjonijiet iffinanzjati b'riskju proprju tal-BEI matul l-2014 ġew iffirmati fil-Pajjiżi ta' Qabel l-Adeżjoni u fil-pajjiżi ALA, filwaqt li d-9 % li jifdal fir-reġjun tal-Mediterran. Fil-viċinat tal-Lvant (l-Ukraina - ara hawn taħt) u l-Afrika t'Isfel, il-finanzjament kollu kien iffirmat bil-garanzija tal-UE.

Fl-2014, 86 % tas-self iffirmat bil-garanzija tal-UE kien kopert b'Garanzija Komprensiva (EUR 3,6 biljuni), li tintuża għal operazzjonijiet sovrani u subsovrani, filwaqt li 14 % ibbenefikaw mill-kopertura għar-riskju politiku (EUR 0,6 biljuni), għal operazzjonijiet tas-settur privat.

**Tabella 2: Firem netti kumulattivi meta mqabbla mal-Mandat tal-UE attwali limiti massimi għall-2014-2020**

| EUR miljuni | Limitu massimu | Firem netti (EUR miljun) | Firem netti bħala % tal-limitu massimu tal-mandat |
|---|---|---|---|
| Il-Pajjiżi ta' Qabel l-Adeżjoni | 8.739 | 200 | 2 % |
| Il-Mediterran | 9.606 | 390 | 4 % |
| Viċinat tal-Lvant, ir-Russja | 4.831 | 1.090 | 23 % |
| L-Asja u l-Amerika Latina | 3.407 | 415 | 12 % |
| L-Afrika t'Isfel | 416 | - | 0 % |
| **Total fir-Reġjuni tal-Mandat** | **27.000** | **2.095** | **8 %** |

Fit-tieni nofs tas-sena taħt il-programm ELM ġdid kważi nofs il-volum totali ffirmat (EUR 2,1 biljuni) ġie ffirmat fil-Viċinat tal-Lvant fejn l-iżviluppi ġeopolitiċi ttardjaw il-biċċa l-kbira tal-firem sal-aħħar kwart tas-sena. 23 % ta' sublimitu tal-2014-2020 għall-Viċinat tal-Lvant inkiseb bis-saħħa tal-iffirmar ta' sitt operazzjonijiet ġodda fl-Ukraina li jammontaw għal EUR 940 miljun.

Inadempjenzi fuq pagamenti tal-imgħax u ripagamenti ta' self mill-Gvern Sirjan komplew fl-2014. Fi tmiem l-2014, il-pagamenti kumulattivi mill-Fond ta' Garanzija relatati ma' eżerċizzji mill-BEI ammontaw għal total ta' EUR 142,72 miljun, li minnhom EUR 60,22 miljun tħallsu fl-2014.

**Grafika 1: L-evoluzzjoni annwali tal-volumi tas-self mill-BEI mir-riżorsi proprji**




B'EUR 6,7 biljuni, il-firem għall-2014 huma kemxejn (2 %) fuq il-medja annwali tas-snin ta' qabel (EUR 6,6 biljuni).

F'termini ta' għadd ta' proġetti, fl-2014 ġie ffirmat il-finanzjament għal 42 proġett b'garanzija tal-UE (l-istess għadd ta' proġetti ffirmati fl-2013) u 23 proġett b'riskju proprju tal-BEI (26 proġetti kienu ffirmati fl-2013).

**Tabella 3: L-għadd ta' operazzjonijiet iffirmati skont ir-reġjun (ir-riżorsi kollha) fl-2014**

| Reġjuni | Riżorsi ta' Partijiet Terzi | B'garanzija tal-UE | BEI riskju proprju | Totali |
|---|---|---|---|---|
| Il-Pajjiżi ta' Qabel l-Adeżjoni | | 8 | 19 | 27 |
| Il-Mediterran[5] | 7 | 12 | 1 | 20 |
| Viċinat tal-Lvant, ir-Russja | | 12 | 0 | 12 |
| L-Asja u l-Amerika Latina | | 8 | 3 | 11 |
| L-Afrika t'Isfel | | 2 | 0 | 2 |
| **Totali** | **7** | **42** | **23** | **72** |

Kif muri fit-Tabella 4 hawn taħt, il-pajjiżi ta' Qabel l-Adeżjoni baqgħu r-reġjun benefiċjarju ewlenin tal-finanzjament tal-BEI barra l-UE fl-2014 b'EUR 2,4 biljuni ffirmati, li jirrappreżentaw 36 % tal-finanzjament totali fir-reġjuni konċernati. Fokus ewlieni għal dan ir-reġjun kien li jiġi żgurat appoġġ finanzjarju adegwat għall-innovazzjoni u t-tkabbir, b'mod partikolari l-SMEs u s-self lis-settur privat. Skont il-Mandat, prijorità ewlenija kienet ukoll li jiġu ffinanzjati proġetti li jintegraw b'mod aktar sħiħ man-netwerks infrastrutturali Ewropej.

[5] Operazzjoni waħda appoġġata kemm b'riskju proprju tal-BEI u l-ELM — irreġistrata bħala b'riskju proprju tal-BEI.

**Tabella 4: Distribuzzjoni settorjali tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI ffirmati fl-2014 fir-reġjuni koperti mid-Deċiżjoni (ir-riżorsi kollha)**

| | Il-Pajjiżi ta' Qabel l-Adeżjoni | Il-Mediterran | Viċinat tal-Lvant | L-Asja u l-Amerika Latina | L-Afrika t'Isfel | Totali |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Linji ta' kreditu | 1.260 | 280 | 595 | 250 | | **2.385** |
| Enerġija | 243 | 885 | 180 | 635 | 175 | **2.118** |
| Trasport | 348 | 158 | 55 | 268 | | **828** |
| Żvilupp urban/infrast. komposta | 300 | 135 | 105 | 100 | | **640** |
| Industrija | 165 | | 170 | | | **335** |
| Ilma, drenaġġ | 20 | 85 | 71 | 118 | | **293** |
| Agrikoltura, Sajd, Forestrija | 100 | | | | | **100** |
| Edukazzjoni | | 70 | | | | **70** |
| Servizzi | | 52 | | | | **52** |
| **Totali** | **2.436** | **1.664** | **1.176** | **1.370** | **175** | **6.820** |

Fl-2014 fil-pajjiżi tal-Mediterran il-finanzjament mill-BEI b'garanzija tal-UE u b'riskju proprju tal-BEI żdiedu bi tliet darbiet għal EUR 1,6 biljun meta mqabbel mas-sena ta' qabel, li minnhom EUR 1,3 biljun f'appoġġ għal proġetti ewlenin ta' infrastruttura, inklużi investimenti fl-immodernizzar tat-toroq u titjib tal-iskejjel kif wkoll fi proġetti ta' azzjoni dwar il-klima f'enerġija rinnovabbli (pjan ta' enerġija mix-xemx f'Iżrael, fil-Marrokk) u effiċjenza fl-enerġija (impjanti b'ċiklu kombinat fl-Eġittu), .. Appoġġ għall-iżvilupp tas-settur privat għadu wkoll ta' prijorità importanti fir-reġjun. B'ħames ftehimiet ta' linji ta' kreditu ġodda (EUR 280 miljun) iffirmati fit-Tuneżija, l-Eġittu u l-Libanu, l-appoġġ għall-SMEs laħaq l-ogħla prestazzjoni mir-Rebbiegħa Għarbija. Ammont addizzjonali ta' EUR 52 miljun ġie ffirmat bl-użu ta' riżorsi ta' partijiet terzi inkluż appoġġ lil mikrointraprendituri permezz ta' fornituri ta' servizzi mikrofinanzjarji u investimenti f'fondi ta' ekwità li jappoġġjaw id-diversifikazzjoni ta' setturi finanzjarji lokali.

Fil-Viċinat tal-Lvant, il-firem totali laħqu EUR 1,2 biljun, li jirrappreżentaw it-tieni l-ogħla volum annwali, wara l-livell rekord (EUR 1,8 biljun) li kien iffirmat fl-2013. Fil-kuntest tas-sanzjonijiet tal-UE, l-attivitajiet fir-Russja waqfu. EUR 940 miljun ġew iffirmati fl-Ukrajna bħala kontribuzzjoni tal-BEI lejn il-Pjan ta' Azzjoni Speċjali tal-UE għall-Ukrajna. Fi sforz biex jintlaħaq l-impenn li jiġu pprovduti EUR 3 biljuni f'finanzjament matul l-2014-2016, il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet Ukraini ġiet intensifikata, flimkien ma' djalogu mal-Kummissjoni u l-BEI u l-koordinazzjoni ma' investituri oħra. L-operazzjonijiet iffirmat jinkludu linji ta' kreditu għall-iżvilupp tas-settur privat imwassla permezz tal-Istat, self ta' qafas għall-irkupru u r-rikostruzzjoni bikrija, appoġġ għal proġett ta' pajplajn tal-gass u għall-bini tal-Beskyd Railway Tunnel li tiffurma parti mill-kuritur Pan-Ewropew.

Fl-Asja, l-Asja Ċentrali u l-Amerika Latina, EUR 1,4 biljun firem totali żdiedu għal darba oħra b'EUR 0,2 biljuni meta mqabbel mal-2013. Appoġġ għal azzjoni dwar il-klima u l-enerġija sostenibbli baqgħu l-punt fokali li jirrappreżenta 58 % tal-firem fis-sena. Firem oħra jinkludu l-ewwel linja ta' kreditu ta' EUR 150 miljun ma' bank kummerċjali fil-Messiku u l-ewwel firma fil-Mongolja ta' EUR 50 miljun għal investimenti fl-ilma, l-ilma mormi u s-sanità. Il-BEI ffirma wkoll porzjon ta' EUR 70 miljun — għall-Interkonnessjoni tal-Elettriku bejn it-Taġikistan u l-Kirgiżistan. Dan il-proġett għandu valur kbir ta' kooperazzjoni reġjonali u huwa pjuttost eċċezzjonali f'termini ta' daqs għal pajjiżi tal-Asja Ċentrali.

Fl-Afrika t'Isfel, ġew iffirmati żewġ selfiet (li jammontaw għal total ta' EUR 175 miljun) għall-finanzjament ta' impjanti tal-enerġija solari, minn EUR 260 miljun fl-2013.

## 3.2. KONTRIBUT GĦALL-OBJETTIVI TAL-POLITIKA TAL-UE

Id-Deċiżjoni tipprevedi tliet objettivi orizzontali ta' livell għoli għar-reġjuni kollha koperti minn garanzija baġitarja tal-UE:

(i) L-iżvilupp tas-settur privat lokali, b'mod partikolari appoġġ għall-SMEs,

(ii) l-iżvilupp ta' infrastruttura soċjali u ekonomika,

(iii) mitigazzjoni u adattament għat-tibdil fil-klima.

L-objettivi sottostanti addizzjonali jinkludu l-kontribut għall-prinċipji ġenerali li jiggwidaw l-azzjoni esterna, kif imsemmi fl-Artikolu 21 tat-TUE u l-integrazzjoni reġjonali fost il-pajjiżi sħab, inkluża l-integrazzjoni ekonomika bejn il-pajjiżi ta' Qabel l-Adeżjoni, il-pajjiżi tal-Viċinat u l-Unjoni.

Il-Kummissjoni u l-BEI, b'konsultazzjoni mas-SEAE, iffinalizzaw verżjoni aġġornata[6] tal-Linji Gwida Operattivi Tekniċi Reġjonali applikabbli għall-operazzjonijiet tal-BEI fl-2014-2020 b'garanzija tal-UE. Il-Linji Gwida jipprovdu gwida għall-allinjament tal-ambitu tal-interventi tal-BEI fir-reġjuni differenti mal-politiki, il-programmi u l-istrumenti tal-UE. Il-Linji Gwida ġew trażmessi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'Mejju 2015. Il-kontribuzzjonijiet għall-objettivi tal-Mandat huma riflessi fit-tabella li ġejja li tqis kemm l-operazzjonijiet tal-2014 taħt il-Mandat kif ukoll il-faċilitajiet b'riskju proprju. Kważi nofs l-operazzjonijiet jikkontribwixxu għal aktar minn objettiv wieħed. Dan huwa rilevanti b'mod partikolari għall-proġetti marbutin mal-azzjoni klimatika.

[6] Ara l-SWD(2015) 106 finali tal-Kummissjoni

**Grafika 2: Kontribuzzjoni għall-objettivi tal-mandat (% u l-ammont tal-kontribut)**




## L-iżvilupp tas-settur privat lokali, b'mod partikolari appoġġ għall-SMEs

Il-BEI jappoġġa l-iżvilupp tas-settur privat lokali b'modi differenti, l-aktar billi jestendi linji tal-kreditu lil intermedjarji finanzjarji lokali (l-iktar lill-banek) għal self ta' fondi lil intrapriżi żgħar u medji, parteċipazzjoni f'fondi ta' ekwità privata u kapital ta' riskju għal kumpaniji b'potenzjal ta' tkabbir kbir; finanzjament ta' ekwità għal fornituri ta' mikrofinanzjament, u self dirett lil kumpaniji akbar.

Fl-2014, il-BEI iffirma EUR 2,7 biljuni biex jiffinanzja 39 operazzjoni li se jappoġġjaw l-iżvilupp tas-settur privat lokali fir-reġjuni tal-Mandat. Minn dawn id-39 operazzjoni, 33 jirrelataw ma' operazzjonijiet ġodda li ġew iffirmati għall-ewwel darba fl-2014, li l-parti l-kbira minnhom huma operazzjonijiet intermedjati, prinċipalment linji ta' kreditu għall-appoġġ tal-SMEs u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja (21 operazzjoni). Bħal fis-snin preċedenti, il-maġġoranza tal-linji ta' kreditu ġodda ġew iffirmati fir-reġjun ta' Qabel l-Adeżjoni, taħt il-Faċilità ta' Qabel l-Adeżjoni ta' riskju proprju tal-BEI li tipprovdi appoġġ lill-intrapriżi biex jimmodernizzaw, jespandu u japplikaw l-istandards tal-UE. Fir-reġjun tal-Mediterran tnedew erba' veikoli ta' investiment mikrofinanzjarju jew fondi ta' ekwità privata ġodda. Barra minn hekk, tmien operazzjonijiet ta' finanzjament dirett (inklużi tliet proġetti ta' infrastruttura) jappoġġaw l-iżvilupp tas-settur privat lokali kollu jew parti minnu.

## Żvilupp ta' infrastruttura soċjali u ekonomika

Il-BEI iffirma total ta' EUR 4,1 biljuni li minnhom 41 operazzjoni ffirmati huma proġetti ġodda li jiswew EUR 3,7 biljuni sabiex jgħinu fl-iżvilupp ta' infrastruttura soċjali u ekonomika f'diversi setturi (l-enerġija, it-trasport, l-ilma u s-sanità, is-saħħa, l-edukazzjoni, l-

iżvilupp urban). Il-BEI ffirma kuntratti għal 15-il proġett ġdid fis-settur tal-enerġija fl-2014, li minnhom sitta huma proġetti għall-ġenerazzjoni tal-enerġija. Il-BEI appoġġja wkoll l-iżvilupp ta’ netwerks tal-elettriku u l-gass b'żewġ proġetti li jiffokaw esklussivament fuq l-estensjoni u t-titjib ta’ netwerks ta’ elettriku biex titjieb l-affidabbiltà u l-effiċjenza u sabiex jintlaħqu iktar unitajiet domestiċi u negozji. Ġew iffirmati seba' proġetti ġodda mill-BEI fis-settur tat-trasport, sitt proġetti ġodda fis-settur tal-ilma u d-drenaġġ u ħames proġetti ta’ żvilupp urban. Informazzjoni dettaljata dwar il-proġetti finanzjati tinsab fl-SWD.

## Mitigazzjoni u adattament għat-tibdil fil-klima

L-appoġġ tal-BEI għall-azzjoni klimatika baqa’ għoli fl-2014, b’firem totali ta’ EUR 2,1 biljuni, li jirrappreżentaw 31 % tal-firem kollha fir-reġjuni tal-Mandat. Dan il-livell huwa simili għar-rekord tas-sena preċedenti u huwa ferm ogħla mill-mira globali tal-BEI ta’ 25 % mis-self kumplessiv[7].

Il-maġġoranza assoluta (88 %) tas-self fir-rigward tal-azzjoni dwar il-klima huwa marbut ma ' investimenti fl-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza tal-enerġija u t-trasport sostenibbli. Il-komponenti tal-klima tas-self tal-BEI fil-qasam tal-adattament għat-tibdil fil-klima huma ta’ 2 % tas-self għall-klima, li jirriflettu n-nuqqas ta’ aptit li għandhom il-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jissellfu għal adattament kif ukoll l-attrattività limitata li dan is-settur għandu għal investituri mis-settur privat. Madankollu, ir-rikonoxximent li r-reġjuni koperti mid-Deċiżjoni huma partikolarment vulnerabbli għall-varjabbiltà fil-klima attwali u t-tibdil fil-klima fil-ġejjieni, il-BEI qed isaħħaħ l-integrazzjoni tar-reżiljenza għall-klima fil-proġetti. Dan jinkludi għajnuna teknika ta’ sostenn u miżuri xierqa ta’ pjanar kif ukoll l-appoġġ għal investimenti speċifiċi ta’ adattament bħall-kontroll tal-għargħar u miżuri ta’ difiża.

Is-self għall-azzjoni klimatika baqa' b’saħħtu fl-Asja bi kważi 68 % tal-firem, laħaq viċin l-54 % fl-Amerika Latina u 100% tal-operazzjonijiet ta’ finanzjament ġodda fl-Afrika t’Isfel. Fil-Mediterran, 31 % tal-finanzjament iffirmat fl-2014 appoġġa l-azzjoni klimatika. Ammonti sostanzjali ta' finanzjament ta' azzjoni klimatika ġew immobilizzati wkoll għal proġetti fir-reġjuni ta’ Qabel l-Adeżjoni u fil-Viċinat tal-Lvant, iżda l-proporzjon kumplessiv huwa inqas minħabba prijoritajiet kbar oħra ta’ self, b’mod partikolari fl-iżvilupp tas-settur privat.

**Tabella 5: Self għal Azzjoni Klimatika fl-2014 fir-reġjuni koperti mid-Deċiżjoni**

| EUR miljuni | Azzjoni klimatika taħt | | Total ta' azzjoni klimatika | bħala % tat-total iffirmat |
|---|---|---|---|---|
| | Mandat | Faċilitajiet b'riskju proprju | | |
| Il-Mediterran | 505 | - | 505 | 31 % |
| Il-Pajjiżi ta' Qabel l-Adeżjoni | 273 | 227 | 500 | 21 % |
| Asja | 45 | 400 | 445 | 68 % |
| Amerika Latina | 200 | 150 | 350 | 54 % |
| L-Afrika t'Isfel | 175 | - | 175 | 100 % |
| Viċinat tal-Lvant, ir-Russja | 137 | - | 137 | 12 % |

[7] L-Artikolu 3.7 tad-Deċiżjoni 466/2014/UE jeħtieġ li matul l-2014-2020, il-volum tal-BEI ta’ proġetti ta’ mitigazzjoni u adattament għat-tibdil fil-klima għandhom jirrappreżentaw mill-inqas 25 % tal-operazzjonijiet ta’ finanzjament kollha tal-BEI.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| L-Asja Ċentrali | - | - | - | 0 % |
| **Total fir-Reġjuni tal-Mandat** | **1.334** | **777** | **2.112** | **31 %** |
| bħala % tat-total iffirmat | *32 %* | *30 %* | | |

## Integrazzjoni reġjonali

Fl-2014, il-BEI iffirma total ta' 23 kuntratt ta' finanzjament b'valur ta' EUR 1,6 biljun (EUR 1,1 biljun fl-2013) li qed jikkontribwixxu għall-integrazzjoni reġjonali. Tmien linji ta' kreditu (EUR 795 miljun) se jappoġġaw l-integrazzjoni reġjonali fir-reġjun ta' Qabel l-Adeżjoni billi jrawmu kollaborazzjoni internazzjonali u billi jappoġġjaw il-konverġenza tal-ekonomiji lejn l-UE. Fis-settur tat-trasport, il-proġetti jimmiraw lejn li jiffaċilitaw il-mobbiltà bejn il-fruntieri (EUR 253 miljun) u fis-settur tal-enerġija, il-proġetti huma kruċjali biex jitjieb l-aċċess għall-enerġija fil-pajjiżi li jistgħu ma għandhomx riżorsi naturali tal-enerġija (EUR 293 miljun).

## 3.3. IMPATT U VALUR MIŻJUD TAL-OPERAZZJONIJIET TAL-BEI

Il-qafas tal-ReM jipprovdi valutazzjoni tal-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI tul iċ-ċiklu ta' ħajjithom kollu. Dan jgħin sabiex jintgħażlu proġetti tajbin li huma konformi mal-prijoritajiet tal-UE abbażi ta' riżultati konkreti, u fejn l-involviment tal-BEI jżid il-valur. Fl-istadju ta' valutazzjoni, jiġu identifikati l-indikaturi tar-riżultati b'xenarji ta' referenza u miri li jirriflettu r-riżultati ekonomiċi, soċjali u ambjentali mistennija tal-operazzjoni. Ir-riżultati, mqabblin ma' dawn il-valuri referenzjari speċifiċi ta' prestazzjoni, huma mmonitorjati matul ħajjet il-proġett kollu u rappurtati f'żewġ stadji importanti: meta jitlesta l-proġett, u tliet (3) snin wara li jitlesta l-proġett ("wara t-tlestija ") fil-każ ta' operazzjonijiet diretti; lejn l-aħħar tal-perjodu ta' investiment u t-tmiem il-ħajja tal-fondi ta' ekwità privata, u fl-aħħar tal-perjodu ta' allokazzjoni fil-każ tal-għoti ta' self b'intermedjarji.

Il-proġetti jiġu kklasifikati skont tliet "Pilastri":

(i) Il-Pilastru 1 jikklassifika l-kontribuzzjoni mistennija għall-prijoritajiet tal-UE u tal-pajjiżi kif ukoll l-eliġibbiltà skont l-objettivi tal-mandat tal-BEI.

(ii) Il-Pilastru 2 jikklassifika l-kwalità u s-solidità tal-operazzjoni, abbażi tar-riżultati mistennija.

(iii) Il-Pilastru 3 jikklassifika l-addizzjonalità finanzjarja u nonfinanzjarja mistennija tal-BEI.

Fl-2014, tlestew tmien (8) operazzjonijiet approvati taħt il-qafas ReM. Fl-SWD hemm sommarju tar-riżultati tar-Rieżamijiet tat-Tlestija tal-Proġetti tal-ReM. Peress li jridu jgħaddu bosta snin qabel ma l-operazzjonijiet taħt il-qafas tal-ReM jagħtu riżultati tanġibbli, sitt studji ta' każijiet magħżula fl-SWD jippreżentaw ir-riżultati reali miksuba minn proġetti fil-proċess ta' implimentazzjoni. Hawn taħt huma ppreżentati u diskussi r-riżultati mistennija mill-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI ffirmati fl-2014 fir-reġjuni koperti mill-Mandat. Sabiex jiġi evitat li l-proġetti u r-riżultati mistennija jingħaddu darbtejn, ir-rapport se jirreferi biss għar-riżultati mistennija u l-addizzjonalità tal-"proġetti ġodda", jiġifieri dawk li għalihom l-ewwel kuntratt ta' finanzjament ġie ffirmat fl-2014 - 64 proġett ġdid.

**Grafika 3: Klassifikazzjonijiet ReM skont il-pilastri għall-operazzjonijiet ġodda iffirmati fl-2014**




F'termini ta' saħħa ta' kontribuzzjoni għall-objettivi (ReM **Pilastru 1**), aktar minn 40 % tal-firem ġodda fl-2014 ġew ikklassifikati bħala "eċċellenti", jiġifieri b'kontribuzzjoni għolja kemm għall-objettivi tal-pajjiżi stess kif ukoll għall-prijoritajiet tal-UE għall-pajjiż u/jew ir-reġjun konċernat. Il-bqija tal-operazzjonijiet ġew ikklassifikati bħala "tajba" skont il-Pilastru 1. Dawk il-proġetti li huma mistennija li jagħtu kontribut "tajjeb" huma konformi mal-objettivi tal-Mandat u jistgħu jagħtu kontribut għoli jew għall-objettivi tal-iżvilupp tal-pajjiżi stess jew dawk tal-UE u kontribut moderat lill-ieħor.

Għal proġetti finanzjati direttament (ReM **Pilastru 2**), il-klassifikazzjoni hija bbażata fuq is-solidità tal-proġetti, is-sostenibbiltà finanzjarja u ekonomika u s-sostenibbiltà ambjentali u soċjali. Għal operazzjonijiet intermedjati, il-klassifikazzjoni hija bbażata fuq ir-riżultati mistennija, ponderati b'kunsiderazzjonijiet tar-riskji kif imkejla mis-solidità tal-intermedjarju u l-kwalità tal-ambjent operazzjonali.

Il-Pilastru 2 juri li 14 % tal-operazzjonijiet ġodda ffirmati huma mistennija li jkollhom klassifikazzjoni eċċellenti inklużi l-operazzjonijiet diretti b'rata ta' redditu ekonomiku (economic rate of return - ERR) ogħla minn 15 %, jew bl-operazzjonijiet intermedjati (linji ta' kreditu) jagħtu kontribut eċċezzjonali biex l-aċċess għall-finanzi jiżdied u biex is-settur finanzjarju jiżviluppa, f'ambjent ta' riskju relattivament baxx. Aktar minn 76 % tal-operazzjonijiet ġodda huma mistennija li jkunu "tajbin". Dawn huma operazzjonijiet diretti b'medja ta' ERR minn 10 % sa 15 %, fil-każ ta' proġetti ta' infrastruttura, jew operazzjonijiet intermedjati li jikkontribwixxu biex jitjieb l-aċċess għall-finanzi u biex is-settur finanzjarju jiżviluppa, għalkemm f'ambjent ta' riskju għoli li fih huwa inqas probabbli li jinkisbu riżultati. Sitt proġetti rċievew klassifikazzjoni "aċċettabbli", primarjament minħabba l-ambjent ta' riskju għoli li jħalli impatt fuq il-probabbiltà li jinkisbu r-riżultati ppjanati.

L-"addizzjonalità" (ReM **Pilastru 3**) hija kkalkolata bħala d-differenza bejn il-kontribut tal-BEI għal proġett ta' investiment u l-finanzjament tas-suq standard, fi tliet dimensjonijiet: l-adegwatezza tar-riżorsi finanzjarji għall-ħtiġijiet tal-proġetti; kontribut tekniku tal-BEI; u l-impatt f'termini ta' li jogħlew l-standards u jiġu ffaċilitati kontributi minn sorsi oħra. Fl-2014,

l-operazzjonijiet kollha kienu mistennija jkunu ta' vantaġġ għall-mutwatarji meta mqabbel mal-finanzjament mis-suq. Ir-riżultati tal-ReM juru li 14% tal-operazzjonijiet ġodda ffirmati fl-2014 huma mistennija li jkollhom addizzjonalità għolja - tipikament billi jestendu l-itwal maturità tad-dejn disponibbli għall-mutwatarju fis-suq b'aktar minn 100 %, jippariġġaw il-ħajja ekonomika tal-assi li se jiġu ffinanzjati b'mill-inqas 80%; jieħdu rwol ewlieni fil-preparazzjoni u l-istrutturar tal-proġetti u/jew fis-sostenn għall-implimentazzjoni tagħhom. Huwa mistenni li 70 % oħra jagħtu kontribut tajjeb, billi jipprovdu addizzjonalità sinifikanti - tipikament billi jikkombinaw addizzjonalità finanzjarja sinifikanti ma' kontribut tekniku u settorjali sinifikanti jew ma' standards u assigurazzjoni. 14 % mill-operazzjonijiet iffirmati li ġew ikklassifikati bħala li kienu mistennija jagħtu addizzjonalità moderata kienu tipikament prodotti standard, fejn kien meħtieġ kontribut limitat għat-tfassil, l-istrutturar jew l-implimentazzjoni tal-proġett.

## 4. KOOPERAZZJONI TAL-BEI MA' OĦRAJN

### 4.1 KOOPERAZZJONI MAL-KUMMISSJONI

Il-Mandat jitlob li l-Kummissjoni, is-SEAE u l-BEI jikkooperaw u jsaħħu l-allinjament tal-azzjonijiet esterni tal-BEI u l-objettivi tal-politika esterna tal-UE, bil-ħsieb li jiġu massimizzati s-sinerġiji bejn il-finanzjament mill-BEI u r-riżorsi baġitarji tal-UE, l-aktar permezz ta’ djalogu regolari u sistematiku u konsultazzjoni minn kmieni dwar il-politiki, l-istrateġiji u l-proġetti ppjanati. Fl-2014, il-Memorandum ta’ Qbil (rivedut fl-2013) bejn il-Kummissjoni, is-SEAE u l-BEI fir-rigward ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni fir-reġjuni koperti mill-Mandat kompla jiġi applikat — pereż. permezz ta’ skambju ta’ informazzjoni dwar proġetti ppjanati u informazzjoni ta’ kuntatt.

Sabiex jirriflettu u joperazzjonalizzaw il-Mandat il-ġdid għall-2014-2020 f’Lulju 2014 il-Kummissjoni u l-BEI innegozjaw u ffirmaw ftehim ta’ garanzija rivedut u ftehim ta’ rkupru.

Fil-pjan operazzjonali tiegħu, il-BEI impenja ruħu li matul l-2014-2016 jislef EUR 3 biljun lill-Ukrajna fil-kuntest tal-inizjattiva tal-UE li tipprovdi appoġġ lill-Ukrajna. F’konformità mad-deċiżjonijiet u l-konklużjonijiet tal-Kunsill, il-BEI ssospenda l-attivitajiet ta' oriġinazzjoni u diliġenza dovuta kollha fuq l-operazzjonijiet fir-Russja. F’Ġunju 2014, il-Ġeorġja, il-Moldova u l-Ukrajna ffirmaw Ftehim ta’ Assoċjazzjoni mal-UE.

Fin-Nofsinhar, il-BEI ġedded is-sħubija tiegħu mal-KE, permezz tal-Faċilità ta’ Investiment tal-Viċinat (NIF), li tipproponi faċilità ġdida għall-kapital ta’ riskju, b’valur sa EUR 300 miljun. Il-BEI se jinvesti, flimkien mal-UE, billi jikkontribwixxi sa EUR 200 miljun ta' finanzjament mir-riżorsi proprji.

Żewġ ftehimiet qafas ġodda ġew iffirmati fl-2014 mar-Renju tal-Kambodja u mar-Renju tal-Butan, li wittew it-triq għall-operazzjonijiet tal-BEI f’dawn il-pajjiżi.

Fl-2014 il-BEI kompla jipparteċipa b’mod attiv fil-mekkaniżmi reġjonali ta’ taħlit. Il-BEI kkoopera mill-qrib mal-Kummissjoni fil-grupp tal-esperti tekniċi tal-Pjattaforma tal-UE għat-Taħlit fil-Kooperazzjoni Esterna (EUBEC). F’dan il-kuntest, il-BEI ppparteċipa b’mod attiv fil-grupp tekniku dwar “L-għoti ta' gwida dwar il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi tas-settur privat, inkluż permezz ta’ PPPs” u fil-grupp tekniku dwar il-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.

Matul l-2014, il-BEI adotta erba' Għanijiet ta' Politika Pubblika (PPGs) sabiex tiżdied aktar il-koerenza tal-attivitajiet tal-BEI mal-politiki tal-UE. Filwaqt li jirrikonoxxi r-rekwiżiti ta' rappurtar tal-Mandat, il-BEI jemmen li dan jipprovdi wkoll opportunità biex jiġi armonizzat kif il-BEI jirrapporta u jikkomunika dwar l-operazzjonijiet ta' self tiegħu ġewwa u lil hinn mill-UE. L-erba' PPGs huma: l-innovazzjoni, il-finanzjament tal-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, l-infrastruttura u l-ambjent. B'żieda ma' dawn, il-BEI tistabbilixxi żewġ għanijiet orizzontali, jiġifieri t-tibdil fil-klima u l-koeżjoni ekonomika u soċjali fl-UE.

Wara s-Sessjoni Plenarja tal-Forum Globali tal-OECD dwar it-Trasparenza u l-Iskambju tal-Informazzjoni għal Skopijiet ta' Taxxa, f'Novembru 2013 f'Ġakarta, il-BEI approva u ppubblika f'Marzu 2014 Addendum għal politika NCJ[8]. Bi skadenzi u kundizzjonijiet stretti u f'konformità ma' istituzzjonijiet pari, l-addendum tal-politika NCJ jintroduċi sospensjoni limitata għall-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rilokazzjoni għal dawk il-ġurisdizzjonijiet li impenjaw ruħhom li jieħdu azzjoni ta' rimedju adegwata biex jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati mill-Forum Globali tal-OECD.

Il-BEI ospita wkoll Summit tal-Konformità mal-IFIs kollha, il-FATT, il-Forum Globali tal-OECD, il-BĊE, l-ABE, Transparency International u seminar tas-Soċjetà Ċivili mal-NGOs dwar kwistjonijiet relatati mal-NCJ u t-tassazzjoni matul l-2014.

## 4.2. KOOPERAZZJONI MA' OMBUDSMAN EWROPEW

Il-Memorandum ta' Ftehim iffirmat bejn il-BEI u l-Ombudsman Ewropew (OE) fl-2008 jistabbilixxi l-bażi għal żewġ stadji tal-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-BEI — dak intern (BEI-CM) u dak estern (OE) — approvati mill-Bord tad-Diretturi tal-BEI fl-2010 wara konsultazzjoni pubblika estensiva. Dan wassal għal fehim komuni tal-iskop u l-konsistenza tal-applikazzjoni fil-partijiet interni u esterni kollha tiegħu, b'attenzjoni speċifika fuq:

- L-eżistenza ta' Mekkaniżmu tal-Ilmenti intern effettiv (BEI-CM) li jittratta l-ilmenti mressqa minn partijiet esterni lill-BEI fl-unitajiet operatorji kollha tal-BEI;
- Dwar l-ilmenti relatati ma' operazzjonijiet barra l-UE, inkluż il-Mandati Esterni, l-Ombudsman Ewropew jimpenja ruħu li juża s-setgħa ta' Inizjattiva Proprja tiegħu b'mod sistematiku sabiex jittratta l-ilmenti meta l-ilmentatur ma jkunx ċittadin tal-Unjoni Ewropea jew residenti fiha;
- • L-ambitu ta' rieżami tal-OE, bir-rikonoxximent li l-ewwel iridu jiġu approċċjati l-BEI-CM.

Fl-2014, OE pproċessa żewġ ilmenti dwar allegazzjonijiet ta' amministrazzjoni ħażina possibbli min-naħa tal-BEI dwar proġetti li jkunu qed jiġu implimentati f'pajjiżi ELM. Fil-Bosnja u Ħerzegovina l-OE ikkonkluda favur l-ilmentatur u l-BEI se ikompli jikkoopera mal-OE biex jiżviluppa rispons adegwat. Fl-Eġittu, l-UE għalqet il-fajl fl-2014 mingħajr ma nstabet l-ebda amministrazzjoni ħażina.

[8] http://www.eib.org/about/documents/ncj-policy-addendum.htm

## 4.3. KOOPERAZZJONI MA’ ISTITUZZJONIJIET INTERNAZZJONALI TA' FINANZJAMENT

Il-Kooperazzjoni ma’ Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali (IFI) oħra hija parti integrali mill-attivitajiet tal-BEI, li jvarjaw minn djalogu dwar kwistjonijiet istituzzjonali, suġġetti orizzontali u kwistjonijiet tematiċi, u konsultazzjoni reċiproka, għal forom imtejba ta’ kofinanzjament operazzjonali u kondiviżjoni tax-xogħol. Id-djalogi bejn l-IFIs ħafna drabi jseħħ fi gruppi ta’ ħidma speċjalizzati li jiltaqgħu perjodikament sabiex jaqsmu bejniethom l-aħjar prattiki jew sabiex jindirizzaw kwistjonijiet speċifiċi.

Fl-2014, il-BEI ħadem ma’ Banek tal-Iżvilupp Multilaterali oħra fuq l-Aġenda tal-Iżvilupp ta’ wara l-2015 u b’mod partikolari fuq l-iżvilupp ta’ approċċ komuni għal rwoli fir-rigward tal-Finanzjament tal-Iżvilupp.

Il-Pjan Direzzjonali tal-BEI għall-Mediterran approvat mill-Ministri f’Laqgħa Ministerjali tal-FEMIP li saret f’Ateni jservi ta' gwida għall-kooperazzjoni tal-BEI fil-viċinat tan-Nofsinhar.

Fatt importanti ieħor fl-2014 it-tħabbir tal-pakkett ta' Azzjoni dwar il-klima CAMENA taħt il-Fond Fiduċjarju tal-FEMIP b’GBP 15-il miljun f’fondi li se jiġu pprovduti mir-Renju Unit sabiex jiġi stabbilit pakkett għall-bini tal-kapaċità u jitħejjew investimenti ġodda dwar il-klima fin-Nofsinhar. L-ewwel proġetti ffinanzjati mill-CAMEBA huma mistennija li jiġu approvati fl-2015.

Il-kooperazzjoni bejn il-BEI u s-Segretarjat tal-Unjoni għall-Mediterran ġiet imsaħħa fl-2014 permezz ta’ Memorandum ta’ Ftehim imġedded, iffirmat biex tiġi żgurata l-kontinwità tas-sħubija mill-qrib li diġà teżisti bejn iż-żewġ istituzzjonijiet.

Il-BEI ssieħeb mal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) biex jistudja modi biex “Jimmassimizza l-impatt fuq l-impjiegi tal-proġetti infrastrutturali tal-BEI", fi ħdan il-qafas usa’ tal-Programm tal-ILO għall-Investiment Intensivi fuq l-Impjiegi.

Matul l-2014, il-BEI kkoordina l-ħidma tal-grupp biex jipproduċi r-Rapport Konġunt tal-2013 tal-Finanzjament tal-Klima tal-MDB u ppubblika r-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU tas-Summit dwar il-Klima ta’ New York. Bħala parti minn din il-ħidma, il-BEI kien involut mal-OECD fil-ħidma tagħhom biex jaġġornaw l-Indikaturi ta’ Rio għall-Finanzjament tal-Klima, kif ukoll jikkontribwixxa f’isem il-grupp tal-MDBs għall-Valutazzjoni Biennali tal-UNFCCC tal-Finanzjament tal-Klima — Diċembru 2014.

Skont il-Mandat, madwar 48 % tal-firem ġew kofinanzjati ma’ IFIs oħra u 20 % tal-operazzjonijiet iffirmati fl-2014 kienu assoċjati ma’ komponent ta’ għotja mill-baġit tal-UE. Minbarra żewġ operazzjonijiet kofinanzjati mal-AFD u l-KfW, il-BEI mexxa sitt operazzjonijiet addizzjonali matul l-2014, biex b'hekk il-BEI kien l-akbar finanzjatur fl-NIF għax kien involut jew bħala finanzier prinċipali jew bħala kofinanzjatur f’66 % tal-proġetti approvati mill-Bord tal-NIF minn meta nbdiet il-faċilità. Taħt il-faċilitajiet ta’ taħlit reġjonali tal-UE, l-approvazzjonijiet tal-2014 kienu jinkludu EUR 132,7 miljun f'riżorsi fil-baġit tal-UE li kkumplimentaw l-għoti ta' self mill-BEI fl-NIF, EUR 10,18 miljun mill-Faċilità ta’ Investiment tal-Balkani tal-Punent u EUR 5 miljun fil-Faċilità ta’ Investiment Asjatika.